IL-BIRGU
Citta' Vittoriosa

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birgu

# It-Tmien Legislatura

# Laqgħa Numru 05

Il-Kunsilli Lokali Birgu ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Berga ta` Franza, Triq Hilda Tabone Birgu fil-hamsa u nofs ta' filghaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur John Boxall – Sindku
Is-Sur Christopher Cassar – Vici-Sindku
Is-Sur Jason Portelli – Kunsillier
Is-Sur Anton Gellel - Kunsillier
Is-Sur Trevor Mizzi – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sinjura Lara Mascena – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku s-Sur John Boxall qal it-talba u  ppresedja l-laqgħa.

### 05.1  Qari ta` Ittri ta` Apologija

Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li ma kienx hemm ittri ta` apologija. Is-Sur Boxall nforma lil dawk prezenti li l-kunsillier Trevor Mizzi kien ser jinghaqad fil-laqgha ftit tard.

### 05.2  Korrispondenza

05.2.1  Mibughta korrispondenza minn naha tal-Primary Health Care sabiex jibdew isiru health educational talks fil-Berga tal-Ingliterra. Il-Kunsill qabel sabiex  isiru dawn it-talks.

05.2.2 Prezentata Cirk AKL 2019/038 Malta Pride Initiative 2019, liema attivita ser ssir bejn is-6 u l-15 ta` Settembru 2019. Il-Kunsill idecieda li tinzebagh iz-zebra crossing li hemm fi Triq San Lawrenz (in-nizla tax-Xatt, fil-parti ta` isfel).

05.2.3 Giet prezentata korrispondenza dwar il-haddiema tal-RSSL fejn il-Kunsilli gew infurmati li l-haddiema jridu jaghmlu sal-hin fuq il-lant tax-xoghol. Is-Sindku qal li dan ifisser li l-haddiema jridu jahdmu sal-erbgha ta` wara nofsinhar.

05.2.4 Prezentata korrispondenza dwar li l-Kunsill ircieva mill-organizatturi tal-Holy Week Conference, fejn nfurmaw li laqgha li jmiss ser issir Orihuela fi Spanja bejn il-26 u 26 ta` Settembru 2019. Is-Sur Boxall propona sabiex ghal din il-laqgha jattendi s-Sur Gorg Agius flimkien mieghu u mas-Sur Anton Gellel, kunsillier. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

05.2.5 Is-Sur John Boxall informa lil membri prezenti li l-Kunsill wera interess fi progett tal-Europe for Citizens bl-isem “WATER”.

05.2.6 Prezentata korrispondenza li l-Kunsill ircieva mill-kumpanija Go dwar tnedija ta` ktieb, fejn il-Kunsill gie mitlub li jghin finanzjarjament fil-publikazzjoni ta` dan il-ktieb. Il-Kunsill qabel unanimament li tintalab kopja ta` dan il-manuskript.

05.2.7 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li l-inizjattiva tal-Coca Cola bl-isem Zero Waste City kienet ser titnieda nhar is-6 t’ Settembru 2019.

05.2.8 Giet prezentata korrispondenza relatata mall-konferenza li jmiss tal-progett fil-WIVAS, fejn ser ssir bejn it-3 u s-7 ta` Settembru gewwa Novo Mesto, Slovenia. Is –Sur John Boxall propona sabiex ghal din il-konferenza jattendu huwa u s-Sur Trevor Mizzi. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

05.2.9 Prezentata Cirk AKL2019/079 – Stqarrija AKL 05/2019 – L-Indafa Pubblika. Il-Vici-Sindku suggerriexxa sabiex dan is-suggett jigi diskuss fil-Laqgha tar-Regjun u jigi suggeriet biex jinholoq Dipartiment tal-Cleansing. Is-Sur Gellel qal li jekk mhux ser jinghataw zewg ezempji sew, in-nies mhux ser jitghallmu qatt.

05.2.10 Mibughta ittra mill-kumpanija 4Sight  dwar programmi televizivi li ser jibdew f`Jannar 2020 ghall-prezz ta` 150Euro kull programm. Dwar dan is-Sindku ssugerriexa li ssir laqgha mas-Sur Mizzi.

05.2.11 Prezentata c-ĊIRKULARI NUMRU SPI/SCI/14/2019 - Skema Finanzjarja favur il-Komunita' – Community Inclusive Employment Scheme.

18:15hr Inghaqad fil-laqgha l-kunsillier, is-Sur Trevor Mizzi

05.2.12 Is-Sur John Boxall prezenta korrispondenza li ntbghatet lis-Sur Frankie Meilak dwar permess biex il-Kunsill ikun jista` jizbor u mhux jaqta it-tlett sigriet (Aleppo pines) li hemm fi Triq San Dwardu u dan sabiex jitnehha l-periklu li hemm u jigi evitat kull incident.

05.2.13 Miktuba ittra lill-Onorevoli Silvio Parnis dwar il-parkegg tal-muturi, fejn whud mir-residenti jhallu l-muturi taghhom ipparkjati biex jiriservaw post ghall-karrozza. Il-Kunsill issugerriexa sabiex il-muturi fil-lokalitajiet kif ikunu proposti mill-Kunsilli Lokali issiriljom zona ta` parkegg apposta ghalihom u min jipparkja l-mutur f`parkegg ta` vettura, dan ikun qieghed jikser il-ligi u jkun espost ghal kontravenzjoni. Is-Sindku ssugerriexa sabiex fi Triq il-Mandragg, Triq il-Foss, Triq San Lawrenz, Triq il-Foss tas-Sur u Pjazza tal-Belt Vittoriosa issir zona ta` parkegg ghall-muturi.

05.2.14 Mibughta korrispondenza lill-Onorevoli Owen Bonnici dwar l-istat perikoluz ta` Triq Wenzu Dyer u Triq l-Antika.

05.2.15 Prezentata korrispondenza dwar is-sitwazzjoni tax-Xatt (id-dawra tal-munument u l-entratura ta` Triq l-Assedju l-Kbir). Is-Sindku nforma lil dak prezenti li saret laqgha mall-periti ta` Transport Malta biex tigi ndirizzata din il-problema fl-iqsar zmien possibli.

05.2.16 Giet prezentata korrispondenza fejn il-Kunsill wera interess fi progett tal-Italja Malta Interreg.

05.2.17 Giet moqrija korrispondenza dwar donazzjoni ta` ghoxrin elf li giet moghtija lill-Kunsill Lokali tal-Birgu ghall-installazzjoni tal-lift fil-Berga tal-Ingliterra. Din id-donazzjoni ser tinghata mill-AACCDD hekk kif jitlesta lift.

05.2.18 Mibughta ittra lill-Onorevoli Ministru Ian Borg dwar hajt imwaqqa fi Triq San Dwardu, fejn il-Kunsill irrimarka li dan il-hajt jinstab fi stat perikoluz hafna u li jista` jsir xi incident. Il-Ministru informa lill-istess Kunsill li ser jghaddi din il-korrispondenza lis-CEO ta` Infrastructure Malta.

05.2.19 Prezentat progett bl-isem VolunTEAM – Network of Towns, fejn il-Kunsill wera l-interess tieghu li jkun partner f`dan il-progett.

05.2.20 Prezentat progett tal-Europe for Citizens bl-isem "Your Europe", fejn il-Kunsill wera l-interess li jkun partner f`dan il-progett.

05.2.21 Giet prezentata korrispondenza li l-Kunsill ircieva minn ghaqda fil-Birgu, fejn proponiet li l-Kunsill japplika ghar-restawr tal-istatwa ta` San Lawrenz, fil-Pjazza. Ghal dan il-proponiment, is-Sindku qal li l-Kunsill ser japplika ghar-restawr tal-faccata tal-Berga ta` Franza, u ghalhekk ghandha tigi miktuba ittra lir-Restoration Unit.

05.2.22 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li l-applikazzjoni tal-European Mobility Week ma gietx milqugha.

05.2.23 Giet moqrija korrispondenza li l-Kunsill ircieva minghand is-Socjeta Storiko Kulturali Vittoriosa dwar li l-Birgu ma jifhlax ghall-aktar zviluppi fil-Birgu, u dan ghal fatt li jitllef mill-karattru ta` belt storika.

05.2.24 Prezentata korrispondenza dwar suggeriment li nghata minn Transport Malta dwar zebra crossing fi Triq Desain minhabba l-imwejjed u siggijiet tal-Kazin tan-Nazzjonalista. Il-Kunsill Lokali tal-Birgu decieda b`vot unanimu minn dawk prezenti li din it-talba ghandha titkejjel fuq l-istess u bl-istess qies talbiet ohrajn ghall-mwejjed u siggijiet minn entitajiet kummercjali ohra fil-lokalita tieghu.

05.2.25 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti dwar laqgha li saret ma` rapprezentanti tal-LESA dwar ic-CCTV Cameras

05.2.26 Prezentata Cirkulari Nru 15/2019 dwar Emenda fir-Regolamenti dwar is-sistems tal-Petty Cash.

05.2.27 Giet moqrija korrispondenza li l-Kunsill bghat lis-Segretarju Parlamentari Deo Debattista sabiex issir laqgha mieghu biex jigi diskuss is-servizz ta` tindif fil-lokalita tal-Birgu, specjalment f`toroq arterjali.

05.2.28 Mibughta korrispondenza mill-Kunsill lis-Sur Patrick Briffa, Public Cleansing Officer dwar servizz ta` hasil ta` toroq fi zmien il-festa. Ghal din it-talba il-Kunsill gie nfurmat li spiza li jrid ihallas hija ta` 636.75Euros.

05.2.29 Mibughta informazzjoni lill-Assocjazzjoni tal-Kunsill Lokali dwar zoni problematici li ghandu l-Kunsill fil-lokalita tieghu relatati mall-kontroll tal-hamiem.

05.2.30 Prezentata korrispondenza li l-Kunsill bghat lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar talba biex il-Kunsill jimpjega skrivana ohra fuq bazi full time, fejn ghal dan id-Dipartiment ma jsib l-ebda ogezzjoni, dejjem jekk il-Kunsill ghandu fondi bizzejjed biex jimpjega aktar impjegati. Fuq dan l-istess suggett, is-Sindku nforma lil dawk prezenti li ghall-intervisti ghall-post vakant ta` skrivan/a fuq bazi full time attendiet persuna wahda biss, is-Sinjorina Marisabel Spiteri. Is-Sindku propona li l-Kunsill ghandu jazghel lis-Sinjorina Spiteri ghal fatt li diga ghandha esperjenza mall-Kunsill Lokali tal-Birgu u li dejjem tat xoghol tajjeb. Dwar dan kien hemm qbil unanimu. Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li ghall-intervisti ta` skrivan/a fuq bazi part time attendew erbgha persuni, fejn il-bord tal-ghazla rrakomanda lis-Sinjura Ingrid Scerri. Il-Kunsill qabel unanimament ma` dan il-proponiment.

05.2.31 Prezentata korrispondenza li ntbghatet minn persuna li tikri l-mobile toilets, fejn allegat li l-Kunsill ghandha xi forma ta` intenzjoni hazina lejn il-kumpanija ta` din il-persuna. Dwar dan is-Sindku spjega li dan mhux minnu u kien hemm drabi fejn il-kumpanija ta` din il-persuna tat is-servizz taghha lill-istess Kunsill.

05.2.32 Giet prezentata korrispondenza li l-Kunsill ircieva dwar konferenza li ser ssir gewwa Ruma bejn il-11 u t-13 ta` Dicembru 2019 bl-isem 19th LivCom Awards: International Awards for Liveable Communities 2019. Ghal din il-konferenza, is-Sindku suggeriexa li jattendu huwa bhala Sindku u l-Vici Sindku, fejn talab lill-istess Vici Sindku sabiex jipprepara writeup tajjeb fuq il-Birgu. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

05.2.31 Prezentata Cirkulari 8/2019 dwar Manutenzjoni ta` sinjali u marki stradali fil-lokalitajiet, fejn il-funzjoni tal-Kunsill hija li tipprovdi u zzomm sinjali stradali u marki stradali adegwati f`dawk it-toroq li jaqghu taht ir-responsabilita tal-Kunsill Lokali.

05.2.32 Moqrija korrispondenza li ntbghatet lill-Perit Inglott Serracino dwar id-dawl li jdawwru Couvre Porte u l-uplighters hekk kif dawn dejjem bil-problemi u li l-kuntratt daqt jiskadi u li l-Kunsill mhux ser jiehu din ir-responsabilita hekk l-affarijiet ma jigux irrangati.

05.2.33 Giet prezentata korrispondenza li ntbghatet lis-Sur Azzopardi, c-CEO ta` Infrastructure Malta sabiex isir laqgha mieghu biex jigi diskuss il-progett tal-Pjazza tal-Belt Vittoriosa.

05.2.34 Prezentata l-kopja ta` sentenza li nghatat dwar il-kaz kontra s-Sur Lawrence Farrugia, President tas-Socjeta Muzikali Banda San Lawrenz.

05.2.35 Prezentata Cirkulari AKL2019/071 – Materjal – Seminar- Fondi ghall-Inizjattivi Kulturali/Socjali mill-fondi tal-LESA, fejn il-Kunsill idecieda li japplika ghall-Inizjattiva Kulturali dik tal-Birgufest – Birgu by Candlelight.

05.2.36 Prezentata l-Petty Cash ghax-xahar ta` Lulju 2019, fejn din giet approvata unanimament.

05.2.37 Prezentat l-overtime tal-haddiema klerikali tal-Kunsill li sar matul ix-xahar ta` Lulju, fejn dan gie approvat unanimament.

**05.3 Jum il-Birgu 2019**

Dwar din l-attivita, is-Sur Chris Cassar tah rendikont ta` x`kien diga` kien preparat ghal matul il-gimgha li jigi ccelebrat Jum il-Birgu. Il-Kunsill b`vot unanimu fuq proponiment tas-Sindku, gie deciz li Gieh il-Birgu jinghata s-Sur Melvin Attard.

**05.4 Birgufest 2019**

Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li hekk kif jghaddu l-attivitajiet relatati ma` Jum il-Birgu, kulhadd irid jibda jahdem fuq l-attivita tal-Birgufest. Is-Sur Boxall zied jghid li din is-sena l-Kunsill se jospita delegazzjoni ta` madwar 35 persuna mill-belt ta` Vignanello fejn il-Kunsill ser jhallas biss l-ispejjez ta` tmienja minnhom, apparti l-ispejjez relatati mall-Infiorata li ser ssir. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

**05.5 Tlugh tal-bandiera tal-Birgu kull nhar ta` Hadd, festi kmandati/pubblici u okkazzjonijiet**

Is-Sindku propona li l-Kunsill ghandu jimpjega lil xi persuna sabiex itella` l-bandiera fuq il-mina principali matul il-gurnata tal-Hadd u festi kmandati u pubblici. Wara li saret diskussjoni, ma kienx hemm decizjoni.

**05.6 Progetti Pendenti**

Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li l-Kunsill ghad qed jistenna mill-Planning Authority sabiex jigi ffirmat il-kuntratt tal-bandli u li xoghlijiet minn naha tal-haddiema tal-Gvern ser jerga` jibda.

**05.7 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Is-Sindku nforma lil dawk prezenti sabiex waqt din il-laqgha jigi diskuss u deciz in-nomina ta` Deputat Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali tal-Birgu. Is-Sur Trevor Mizzi propona lis-Sinjura Beverly Saliba u s-Sur John Boxall propona lill-Emanuel Vella. Wara diskussjoni qasira, gie deciz unanimament li s-Sinjura Saliba ghandha tkun il-persuna li tinhatar Deputat Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali tal-Birgu.

**05.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fit-tmienja u ghaxra ta` filghaxija (8.10pm). Il-Laqgha giet aggornata ghal nhar it-Tlieta 3 ta` Settembru 2019 fil-hamsa ta` filghaxija.

Konfermati illum 5 ta` Novembru 2019

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| John Boxall | Lara Mascena |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |